



Brussell, 22 ta' Marzu 2021
(OR. en)

7247/21

ENV 174
CLIMA 55
MAR 43
PECHE 98
COMPET 202
FIN 196

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Marzu 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6758/21
Suġġett:	European Court of Auditors' Special Report No 26/2020 entitled "Marine environment: EU protection is wide but not deep"
	- Council conclusions

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif adottati mill-Kunsill fit-3787 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Marzu 2021.

**Rapport Speċjali Nru 26/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Ambjent tal-baħar:
il-protezzjoni tal-UE hija wiesgħa iżda mhux approfondita"**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfasslin mill-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;
2. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 26/2020 mill-Qorti intitolat "Ambjent tal-baħar: il-protezzjoni tal-UE hija wiesgħa iżda mhux approfondita";
3. JISSOTTOLINJA l-importanza ekonomika, soċjali u ambjentali tal-ambjent tal-baħar u tar-riżorsi naturali tiegħu;
4. IFAKKAR fl-impenn tal-UE li timplimenta l-Aġenda 2030 adottata min-NU għal Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 li jistabbilixxi miri relatati mal-"ħajja taħt l-ilma"; kif ukoll l-impenn tal-UE lejn il-miri ta' Aichi adottati min-NU skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; JINNOTA li dawn il-miri għadhom ma ntlaħqux;
5. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Patt Ekoloġiku Ewropew", li tressaq proposti għal tranżizzjoni fl-ekonomija kollha u strateġija ta' tkabbir sostenibbli, filwaqt li tfittex li tkun kemm ġusta kif ukoll inklużiva, u li għandha l-għan li tissalvagwardja l-prosperità filwaqt li tipproteġi l-pjaneta tagħna;

¹ 7515/00 + COR 1.

6. IFAKKAR UKOLL fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill² approvati dwar dik il-kwistjoni; JENFASIZZA l-oġettiv tal-Istrateġija li jiġi żviluppat Pjan tal-UE għar-Restawr tan-Natura u li jiġi stabbilit network akbar madwar l-UE ta' żoni protetti fuq l-art u fil-baħar li jkun koerenti u ġestit b'mod effettiv, inkluż il-protezzjoni ta' minimu ta' 30 % tal-baħar fl-Ewropa, li terz minnhom ikun strettament protett, bl-Istati Membri kollha jipparteċipaw b'mod konġunt biex jintlaħqu dawn il-miri, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali; JINNOTA li l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 titlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tal-UE, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u d-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (BHD); u JFAKKAR ukoll fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, li tnediet fl-istess ħin bħall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità;
7. JIRRIKONOXXI li xi metodi tas-sajd u attivitajiet oħra permezz tal-estrazzjoni tar-riżorsi u l-ħsara lil qiegħ il-baħar jagħmlu pressjoni fuq l-ambjent tal-baħar; f'dan il-kuntest, JINNOTA li l-effetti tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis fil-forom kollha tiegħu, inkluż l-iskart fil-baħar, il-mikroplastiki u l-istorbju taħt l-ilma, it-tixrid ta' speċijiet mhux indiġeni, l-iżvilupp kostali, u attivitajiet oħra tal-bniedem jistgħu jaffettwaw ukoll b'mod negattiv il-bijodiversità tal-baħar;
8. JENFASIZZA li, biex jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċjati mill-ekosistemi tal-baħar, billi jiġu promossi l-konservazzjoni u r-restawrazzjoni tagħhom, u għall-kisba jew iż-żamma ta' Status Ambjentali Tajjeb (GES) skont l-MSFD, id-dimensjoni ambjentali tal-Politika Marittima Integrata tal-UE, u biex jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċjati mill-ekosistemi tal-baħar, huwa meħtieġ b'mod urġenti approċċ integrat għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ambjent tal-baħar, fost l-oħrajn, permezz ta' kontributi attivi tal-politiki u l-istrumenti settorjali rilevanti kollha, bħall-PKS, il-BHD, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u l-Politika Agrikola Komuni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol speċjali tal-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali u, fejn rilevanti, tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RMFOs);

² 12210/20.

9. IFAKKAR li, f'konformità mat-Trattati, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali jridu jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli; JISSOTTOLINJA li l-UE hija impenjata li tipproteġi l-ambjent tal-baħar u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar permezz tal-politiki ambjentali u tas-sajd tagħha, rispettivament.
10. IFAKKAR li l-UE għandha kompetenza esklużiva fuq il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-PKS u li l-UE u l-Istati Membri jikkondividu l-kompetenza fil-qasam tal-ambjent, inkluż il-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar; JENFASIZZA li l-kamp ta' applikazzjoni tal-PKS jinkludi l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ġestjoni tas-sajd u tal-flotot li jisfruttaw dawn ir-riżorsi, u li għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq) ikunu ambjentalment, soċjalment u ekonomikament sostenibbli sabiex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tagħhom fuq l-ekosistema tal-baħar;
11. JIRRIKONOXXI l-miżuri li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jinżamm jew jinkiseb il-GES tal-ambjent tal-baħar; JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu appoġġati l-isforzi kollha biex tiġi avvanzata l-protezzjoni effettiva tal-ekosistemi tal-baħar, u biex titnaqqas il-pressjoni mill-attivitajiet tal-bniedem li għandhom impatt fuqhom u, filwaqt li jiġi promoss is-sajd sostenibbli, inkluż azzjonijiet mill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-ših id-dispożizzjonijiet mil-leġislazzjoni ambjentali u tas-sajd;
12. JIDDISPJACIHI li, minkejja l-isforzi li għaddejjin, s'issa l-azzjoni ma kinitx kapaċi treġġa' lura l-ilmijiet tal-baħar tal-Istati Membri tal-UE għall-GES, u lanqas is-sajd għal livelli sostenibbli għal xi speċijiet, u lanqas ma waqqfet it-telf tal-bijodiversità tal-baħar [...] fl-ibħra koperti mir-Rapport tal-Qorti; JINNOTA li skont ir-rapport tal-Qorti, fl-Atlantiku, fejn il-ġestjoni tas-sajd hija marbuta l-aktar mal-limiti fuq il-qabdiet permissibbli, kien hemm titjib li jista' jitkejjel fir-rigward tal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli, filwaqt li fil-Mediterran, fejn il-ġestjoni tas-sajd hija marbuta l-aktar ma' limiti fuq l-isforz tas-sajd (u mhux il-qabdiet), ir-rati tas-sajd kienu d-doppju tal-livelli sostenibbli;

13. F'dan il-kuntest, JINNOTA li l-ġestjoni kondiviża tas-sajd ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE hija sfida addizzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar fil-Mediterran. Barra minn hekk; JINNOTA li l-isforzi kontinwi biex tittejjeb il-ġestjoni tas-sajd fil-Mediterran bdew jagħtu riżultati li jistgħu jitkejlu kif jidher fir-rapport il-ġdid dwar l-Istat tas-Sajd fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (SoMFi 2020) li skontu l-perċentwal ta' stokkijiet mistada żżejjed naqas b'aktar minn 10 fil-mija bejn l-2014 u l-2018 u l-għadd ta' stokkijiet ta' ħut b'bijomassa relattiva għolja irdoppja f' dawn l-aħħar sentejn;
14. IĦEĠĠEĠ lill-Qorti testendi dan ir-rieżami għar-reġjuni u s-sottoreġjuni tal-baħar kollha; IQIS li għal titjib futur, l-awditu għandu jkopri aspetti oħra tal-MSFD, sabiex jinkludi d-deskrizzjoni kollha tal-ambjent tal-baħar, filwaqt li jiffoka fuq il-pressjonijiet predominanti f'kull reġjun jew sottoreġjun kif identifikat taħt l-istrategġija nazzjonali tal-baħar stabbiliti taħt l-MSFD, u l-ostakli għall-kisba tal-GES;
15. IFAKKAR fir-Rapport Tekniku 4/2019 taċ-Ċentru Tematiku Ewropew dwar l-Ilmijiet Interni, Kostali u tal-Baħar (ETC/ICM) mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "Multiple pressures and their combined effects their in Europe's seas", li jagħmel osservazzjonijiet simili relatati mal-pressjonijiet antropoġeniċi fuq l-ekosistema tal-baħar; JINNOTA li dan id-dokument jista' jipprovdi aktar għarfien dwar id-deskrizzjoni u r-reġjuni mhux koperti fir-Rapport Speċjali Nru 26/2020 tal-QEA;
16. JINNOTA li l-azzjonijiet favur il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jistgħu jiġu ffinanzjati permezz, fost l-oħrajn tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għall-2021-2027, il-programmi LIFE u Interreg; u JFAKKAR li l-Istrategġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tiddikjara li l-FEMS għandu jappoġġa wkoll it-tranżizzjoni għal tekniki tas-sajd aktar selettivi u li jagħmlu inqas ħsara;
17. JILQA' t-tliet rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-ambjent tal-baħar tal-UE, filwaqt li jqis il-fokus reġjonali tar-Rapport, u jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni koordinata biex jiġu vvalutati wkoll l-effetti ta' attivitajiet oħra fuq l-ambjent tal-baħar.

Jidentifika l-bidliet regolatorji u amministrattivi meħtieġa għall-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi

18. JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri rilevanti għandhom, sal-2022, isaħħu r-rabtiet bejn il-politiki ambjentali u tas-sajd billi jidentifikaw il-bidliet regolatorji u amministrattivi meħtieġa għall-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi, li t-tnejn li huma:

- jiffaċilitaw l-applikazzjoni aktar mgħaġġla tal-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa skont il-PKS, u
- jestendu l-protezzjoni għal aktar speċijiet (b'mod partikolari dawk ikklassifikati bħala mhedda b'mod kritiku) u għall-ħabitats fid-dawl tal-għarfien xjentifiku attwali.

19. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA:

- l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni eżistenti, kif ukoll revizzjoni ambizzjuża tal-MSFD;
- l-istabbiliment, mill-Istati Membri, tal-oġġettivi ta' konservazzjoni għaż-Żoni Protetti tal-Baħar kollha u t-tisħiħ u l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri meħtieġa ta' konservazzjoni, protezzjoni u restawr biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi, inkluż it-tisħiħ jew l-elaborazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni, meta dawn ikunu nieqsa, bl-involvement xieraq tal-partijiet ikkonċernati, sabiex jiġi żgurat li l-ispeċijiet u l-ħabitats protetti jiksibu jew iżommu l-GES;
- li l-proċeduri jsiru aktar effettivi skont l-Artikolu 15 tal-MSFD u l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-PKS, filwaqt li jitqiesu l-proċeduri rilevanti skont il-BHD;
- l-iżgurar li l-listi ta' speċijiet u ħabitats mhedda u li qed jonqsu jkunu aġġornati, b'kont meħud tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, kif ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni sabiex jikkontribwixxu għall-adozzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-PKS;
- it-titjib tat-tfassil u l-ġestjoni taż-Żoni Protetti tal-Baħar biex jinħolqu networks koerenti, rappreżentattivi u ġestiti tajjeb fl-ilmijiet tal-baħar tal-Istati Membri tal-UE.

20. JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri rilevanti, sal-2023, minħabba d-degradazzjoni fit-tul tal-ekosistemi tal-baħar fil-Mediterran:
- jeżaminaw il-każ għall-istabbiliment ta' aktar żoni protetti tas-sajd fil-baħir tal-Baħar Mediterran; u
 - jirrapportaw regolarment dwar il-progress miksub u dwar il-ħtieġa għal azzjonijiet korrettivi, taħt il-pjan pluriennali tal-Mediterran tal-Punent biex ikunu jistgħu jiġu identifikati u meħuda azzjonijiet korrettivi.
21. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA:
- li l-miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni taħt il-PKS ikomplu jiġu stabbiliti skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli biex jiġi indirizzat is-sajd żejjed, u jiġi evitat l-isfruttament żejjed tar-riżorsi tal-baħar billi jittieħdu l-azzjonijiet xierqa dwar il-ġestjoni lejn attività tas-sajd aktar sostenibbli;
 - sistema effettiva ta' kontroll tas-sajd, b'mod partikolari biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;
 - li l-għodod tal-UE biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda tas-sajd huma allinjati mal-ħtiġijiet reġjonali u l-impatti ambjentali.
22. JENFASIZZA li kwalunkwe azzjoni addizzjonali mmirata lejn it-titjib tal-miżuri ta' protezzjoni fil-Mediterran, għandha tkun koerenti mal-Konvenzjoni ta' Barċellona tal-UNEP/MAP, u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali kompetenti għas-sajd, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-isforzi f'dan il-qasam.

23. JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-FEMSA li jmiss, sa mhux aktar tard mill-2023, jidentifikaw strumenti biex iżidu l-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-FEMSA għall-oġġettivi ta' konservazzjoni tal-baħar;
24. JENFASIZZA li n-nuqqas ta' fondi speċifiċi għall-ħarsien tal-ambjent tal-baħar huwa problema kritika; JISSOTTOLINJA li l-FEMS jintuża, fil-livell nazzjonali, parzjalment biss għall-monitoraġġ u l-istabbiliment ta' miżuri (inkluż miżuri ta' protezzjoni spazjali) f'konformità mal-MSFD, u għall-ġestjoni, ir-restawr u l-monitoraġġ tas-siti tan-Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva dwar il-Habitats; IFAKKAR li l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-fondi LIFE huwa limitat għal proġetti pilota u innovattivi, u, b'hekk, inaqas il-possibbiltà li jintużaw għal miżuri ta' ġestjoni u ta' implimentazzjoni, immirati lejn il-kisba jew iż-żamma tal-GES tal-ambjent tal-baħar, u appoġġ addizzjonali ieħor għall-konservazzjoni tal-bijodiversità;
25. IFAKKAR li 30 % tal-infiq tal-baġit tal-UE u tan-Next Generation EU għandu jkun iddedikat għall-azzjoni klimatika, filwaqt li 7.5 % tal-infiq annwali għandu jkun iddedikat għall-oġġettivi tal-bijodiversità mill-2024, u 10 % mill-2026 'il quddiem;
26. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza ta':
- l-iffinalizzar kmieni kemm jista' jkun tal-adozzjoni ta' fondi u programmi taħt il-QFP għall-perjodu 2021–2027 li ser jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar;
 - il-previżjoni ta' finanzjament speċifiku biex jinkiseb l-oġġettiv li jżiddied in-network taż-Żoni Protetti tal-Baħar, stabbilit fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, inkluż il-finanzjament mis-settur privat.